TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 584/10

**Philip u Pauline Micallef**
**vs**
**International Sales Direct**

Illum 31 ta' Lulju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-13 ta' Jannar, 2011 fejn ir-rikorrenti talbu rifużjoni ta' elf u tliet mitt ewro (€1,300), rappreżentanti prezz ta' mitraħ li wara li użawh għal ftit jiem, dan beda jikkawżalu uġigħ.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tad-ditta intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma xtraw saqqu għall-prezz ta' elf u tliet mitt ewro (€1,300) mingħand id-ditta intimata, pero' wara xi ftit jiem beda jħoss xi uġigħ u kkonkluda li s-saqqu ma jgħoddx għalih. Peress li din kienet *door to door sale*, hemm ħmistax-il (15) ġurnata bħala *cooling-off period* u skond ir-rikorrenti informa lis-soċjeta' intimata li l-bejgħ ġie kkanċellat.

Is-soċjeta' intimata ssottomettiet illi l-benefiċċju tal-ħmistax-il (15) ġurnata ġie solverat minħabba l-fatt illi qatt ma kien hemm talba sabiex il-bejgħ jiġi kkanċellat fiż-żmien dawn il-ħmistax-il ġurnata u għalhekk ma tistax titlob ir-rifużjoni ta' dan il-bejgħ.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jinnota illi r-rikorrenti ma ġabux provi konvinċenti sabiex iwasslu lit-Tribunal jasal għall-konklużjoni illi r-rapport sar fi żmien ħmistax-il (15) ġurnata, u b'hekk jista' jiġi ikkanċellat il-bejgħ.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE (+356) 21227070 FAX (+356) 21239888